**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 8**
**Rikors Nru. 63/11 JZM**

**Arkitett Raymond Vassallo, karta ta` l-identità numru 107544(M) u ghal kull interess li jista` jkollha Mariella Vassallo, karta tal-identita numru 2649(M), mizzewgin**

***kontra***

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin, Michael Parlato Trigona, u Parade Limited ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-21 ta` Jannar 2011 li jaqra hekk –

*1. ILLI din hija talba a tenur ta` l-Art. 402 tal-Companies Act ;*

*2.   ILLI l-azzjonisti fis-socjeta` Parade Limited huma l-esponent Raymond Vassallo u l-intimat Anthony Parlato Trigona, f`ishma ndaqs bejniethom ; id-Diretturi huma l-istess Raymond Vassallo u Anthony Parlato Trigona ; Anthony Parlato Trigona dejjem kien u ghadu segretarju tas-socjeta` (Company Secretary);*

*3.   ILLI s-socjeta` Parade Limited tippossjedi interess f`enfitewsi tal-fondi numerati wiehed u ghoxrin (23) u erba` u ghoxrin (24), fi Triq Hughes Hallet, Sliema ; illi l-intimat Michael Parlato Trigona kien inghata l-inkwilinat tal-fond numru 23 u sussegwentement anke tal-fond numru 24 ; illi l-imsemmija kirjiet inghataw wara l-1995 ghal kera irrizorju ta` tnax-il Lira (Lm12) fis-sena li kien il-pre-war rent li kienet thallas l-inkwilina anzjana li kienet tikri l-fond numru 21 qabel Michael Parlato Trigona u li mietet fl-2009;*

*4.   ILLI l-esponent iqisu illi jkun fl-ahjar interess tas-socjeta` li l-inkwilinat ma jigix imgedded ghaliex is-socjeta` ghandha dritt li dan ma ggeddux peress illi l-kirja saret wara l-1999 ; illi mhux fl-ahjar interess tas-socjeta` ghal zewg ragunijiet : l-ewwel ghaliex dawn il-fondi, kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni, jistghu igibu fis-suq kera ferm superjuri u t-tieni ghaliex is-socjeta` jista` jkollha opportunita` li tizviluppa jew tbiegh il-fondi ghall-vantagg kummercjali ; jekk is-socjeta` tiddeciedi li tbiegh dawn il-fondi, tkun tista` tbieghhom bil-vacant possession jew ghall-anqas soggetti ghal kirja terminabbli fi zmien qasir fil-kaz ta` kirja gdida, taht kundizzjonijiet komdi li s-socjeta` joghgobha timponi ;*

*5.   ILLI d-direttur l-iehor Anthony Parlato Trigona qed jopponi li l-inkwilinat ma jiggeddidx u dan peress illi l-fondi jinsabu mikrija lil ibnu Michael Parlato Trigona ; il-Bord tad-Diretturi ma jistax jiehu decizjoni fl-ahjar interess tas-socjeta` minhabba dan il-konflitt ta` interess tad-Direttur Anthony Parlato Trigona li l-fondi mikrijin ghand ibnu ghalhekk l-esponent kellu jadixxi lil din il-Qorti ;*

*6.   ILLI bhala kuntest l-imsemmi Anthony Parlato Trigona effettivament appropria f`idejh esklusivament – legal hijack – lis-socjeta` Parade Limited kif jirrizulta car minn dawn ic-cirkostanzi -*

*6.1   Bhala company secretary, naqas milli jzomm ktieb tal-minuti u difficli ghall-attur jipprova x`gie miftiehem u diskuss ;*

*6.2   Financial statements ma sarux ghal zmien twil b`multi ta` fuq ghaxart elef Ewro mir-Registratur tas-socjetajiet ;*

*6.3   Nonostante li l-attur kiteb lil Parlato Trigona aktar minn sena ilu biex jitqabbad accountant indipendenti biex ir-rwoli necessarji li jsiru u jigu prezentati kontijiet u dokumenti statutorji (Income Tax Returns u Annual Returns) isehhu, izda baqa` bla risposta ;*

*6.4 L-attur kien talab li jinzamm board meeting u annual general meeting u l-intimat Anthony Parlato Trigona naqas li jikkoopera biex jissejhu ;*

*6.5 Ukoll skond il-kontijiet kien hemm xi erbat elef euro cash fil-kumpannija u dan unilateralment appropriahom fil-pussess tieghu, minkejja li gie mitlub biex jitqieghdu f`kont bankarju operat miz-zewg partijiet. L-esponent gie zgwidat biex jithallsu minn butu nofs l-Audit Fees u l-fees tal-Annual Return ghaliex inghata l-impressjoni li ma kienx hemm flus, meta rrizulta wara mill-financial statements li kien hemm bizzejjed flus biex dawn jithallsu u, mitlub jirrifondi, naqas milli jaghmel hekk ;*

*6.6 L-attur kien talab biex tigi mplementata decizjoni li kienet ittiehdet mill-Bord biex is-socjeta` tigi konvertita f`partnership bl-iskop li jigu evitati spejjes tal-awditur u ta` registrazzjoni izda Anthony Parlato Trigona naqas milli jikoopera ;*

*6.7 Fin-nuqqas ta` tali koperazzjoni s-socjeta` kienet xorta obbligata tipprezenta audited accounts u servizzi ta` accountant. L-attur kienet ilha li spiccatlu l-fiducja fl-intimat Anthony Parlato Trigona bhala persuna responsabbli biex izomm il-kotba tas-socjeta` u jhejji draft accounts ghall-awditur. In fatti, hemm kawza ohra fejn l-attur qed tallega frodi fil-kontijiet da parti tal-konvenut u ta` ohrajn. Ghalhekk huwa talbu bil-miktub biex item dan ir-rwol, waqt li ppropona persuna ohra sabiex ir-rwol riferit, mehtieg mil-ligi, ma jigix traskurat. Ghal darb`ohra l-intimat naqas milli jikkoopera bir-rizultat li l-audit u s-sottomissjoni ta` dokumenti lill-awtoritajiet ghas-sena 2010 ma sarux u s-socjeta` qieghda tehel kumulu ta` multi ;*

*7. ILLI dan kollu juru illi l-intimat abbanduna d-doveri tieghu kollha kemm bhala segretarju u bhala direttur, u ffoka minflok, biex javvanza biss l-interessi tieghu personali u tal-familja tieghu a skapitu tal-kumpannija u tal-attur bhala azzjonist ;*

*8. ILLI ghalhekk il-kaz ghal intervent tal-Qorti huwa car fis-sens illi hemm oppressjoni u pregudizzju ingust ghal azzjonist li minhabba l-parita` azzjonarja ma jistax jigi ndirizzat bil-mezzi ordinarji.*

*GHALDAQSTANT L-ESPONENT jitlob lil din il-Qorti li joghgobha –*

*(1) tordna lis-socjeta` intimata li tittermina u taghti l-kongedo tal-kera fil-fondi fuq imsemmija 21 u 23, Triq Hughes Hallet, Sliema ;*

*(2) tordna lill-intimat sabiex jaghmel dak kollu mehtieg biex il-kumpannija tadegwa ma` l-obbligi kollha mposti mil-Ligi ;*

*(3) tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet u konsegwenti penali u multi mposti mill-awtoritajiet li jinkludi l-Malta Financial Services Authority u r-Registratur tal-Kumpannija kif ukoll l-Awtoritajiet Fiskali, kemm passati prezenti u futuri minhabba nuqqasijiet korrenti ;*

*(4) tiddikjara illi l-intimat huwa responsabbli ghan-nuqqas ta` implementazzjoni tad-decizjoni li l-kumpannija tigi konvertita f`partnership bil-konsegwenza li diversi spejjez rikorrenti (recurrent expenses) altrimenti, evitabbli minn Parade Limited, baqghu jigu inkorsi u dovuti mis-socjeta` Parade Limited ;*

*(5) tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati, fit-termini ta` l-Art. 402(1)(f) jew min minnhom, huma responsabbli ghat-telf kummercjali konsegwenti min-nuqqas ta` kooperazzjoni taghhom biex il-kera jintemm u l-fondi jinkrew jew jinbieghu ghall-ammonti u prezzijiet realistici u korrenti ;*

*(6) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu dawn l-ammonti hekk likwidati ;*

*(7) taghti kull provvediment u direttiva li jidhrilha xierqa.*

Rat ir-risposta tal-intimati Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona li kienet prezentata fis-<u>7 ta` Marzu 2011</u> li taqra hekk –

*Illi huma gew notifikati b`din l-ahhar minn sensiela ta` kawzi frivoli u vessatorji ntavolati mill-Perit Arkitett Raymond Vassallo fil-konfront taghhom b`abbuz sfaccjat tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta li huwa rimedju intiz sabiex jaghti protezzjoni lill-membri ta` socjetà li fiha l-membri l-ohrajn, generalment il-maggoranza, tkun qed topprimihom jew tarrekalhom dannu. L-ampjezza ta` dak ir-rimedju hija intiza mil-legislatur sabiex tipprovdi firxa wiesgha ta` rimedji lil min ikun verament oppress u mhux sabiex, bil-kontra, l-Artikolu 402 innifsu jintuza malizzjozament u abbusivament bhala strument ta` oppressjoni halli l-proceduri fil-qrati joholqu piz enormi fuq l-intimati u fl-ahhar iwasslu lil min bhal l-Perit Vassallo jintavola dawn il-proceduri sabiex jipprova jimponi r-rieda tieghu permezz tal-proceduri fejn ma jistax jasal bl-istatut tas-socjetà. U dan anke jekk mat-triq ihammeg u jiddenigra bl-addocc lill-intimati u jkisser il-kumpanija li taghha huwa membru u li fiha llum ma fadallu l-ebda interess ghajr li jkissirha. Li kellu jiehu hu u l-familja tieghu minn Parade Limited digà hadu u huwa ghalhekk li issa jrid ipoggiha fuq gharkopptejha kif sejjer jigi spjegat aktar `l isfel ;*

*Ghalhekk li l-intimati esponenti konjugi Parlato Trigona bil-prezenti kategorikament jichdu kull wahda mill-akkuzi mressqa fil-konfront taghhom u issa sahansitra fil-konfront ta` binhom l-intimat Michael Parlato Trigona (ghax jidher li l-Perit Vassallo issa qieghed iwessgha t-tir malizzjuz tieghu), bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet infraskritti u ghal dawk li ser jitressqu fit-trattazzjoni tal-kawza odjerna ;*

*<u>IL-FATTI U L-ALLEGAZZJONIJIET INDIVIDWALI</u>*

*1. Illi kieku l-esponenti ma jafux fejn irid jasal il-Perit Vassallo, difficli li wiehed jifhem b`mod logiku u koerenti x`inhuwa ezattament il-pregudizzju li sofra jew allegatament qed isofru r-rikorrenti, u ghaliex din il-kawza fuq fatti ex admissis daqshekk qodma qed titressaq illum meta fil-frattemp il-Perit Vassallo diga` ntavola kull forma ta` kawza immaginabbli kontra l-esponenti tul dawn l-ahhar sentejn. Illi izda proprju ghaliex ir-rikorrenti Vassallo jixtiequ li jikkomplikaw fatti, li minnhom infishom huma carissimi, billi jipprezentaw nofs veritajiet u jpogguhom wahda wara l-ohra sabiex minghalihom jizgwidaw lill-Qorti u jaghtu l-impressjoni li tezisti xi sekwenza ta` oppressjoni enormi fil-konfront taghhom, li l-esponenti sejrin izommu t-talbiet cari quddiemhom u jindirizzaw dawn l-istanzi msemmija mir-rikorrenti wahda wahda sabiex tigi evitata kull kumplikazzjoni u nuqqas ta` kjarezza. Hekk sejjer jirrizulta bl-aktar mod car kemm dawn it-talbiet huma fl-ahjar ipotezi skorretti u fl-aghar wahda malizzjuzi u foloz ;*

*2. Huwa ghalhekk ukoll li sa minn dan l-att, ir-rikorrenti qed jaghzlu li jaghtu rendikont guramentat u ezawrjenti tal-fatti sabiex ma jintlahaqx l-iskop tar-rikorrenti li jdahhluhom f`kawzi twal, kumplikati u li mal-medda taz-zmien (li gustament idumu biex jigu rizolti kawzi bhal dik odjerna) huma f`xi punt icedu taht il-pressjoni tar-rikorrenti Vassallo. Dan huwa abbuz tal-procedura u tar-rimedji fil-ligi li jrid jigi sanzjonat kemm jista` jkun malajr.*

*3. Ghall-beneficcju ta` din l-Onorabbli Qorti allura jinghad illi c-cirkostanzi msemmija mir-rikorrenti fir-rikors promotur bhala istanzi li qeghdin allegatament jarrekawlhom dannu huma s-segwenti tnejn –*

*a) L-inkwilinat ta` Michael Parlato Trigona fil-fondi gewwa Triq Hughes Hallet f`Tas-Sliema (paragrafi 3-5 tar-rikors promotur) ;*

*u*

*b) L-allegati nuqqasijiet fil-qadi tad-dmirijiet ta` Anthony Parlato Trigona "APT" (paragrafi 6.1 sa 6.7 tar-rikors promotur) li huma maqsuma f`diversi allegazzjonijiet sparsi ;*

*A. <u>L-INKWILINAT TAL-FONDI FI HUGHES HALLET STREET, TAS-SLIEMA</u>*

*1. Fir-rikors promotur, fil-paragrafu 3 ir-rikorrenti jistqarru hekk –*

*"Illi s-socjetà Parade Limited tippossjedi interess f`enfitewsi tal-fondi numerati wiehed u ghoxrin (23) [sic] u erba w ghoxrin (24) fi Triq Hughes Hallet, Sliema; illi l-intimat Michael Parlato Trigona kien inghata l-inkwilinat tal-fond numru 23 u sussegwentement anke tal-fond numru 24; illi l-imsemmija kirjiet inghataw wara l-1995 ghal kera irrizorju ta` tnax-il Lira (Lm 12) fis-sena li kien il-prewar rent li kienet thallas l-inkwilina anzjana li kienet tikri l-fond numru 21 qabel Michael Parlato Trigona u li mietet fl-2009".*

*2. Issa apparti min-numru inkredibbli ta` inkorrettezzi fattwali li fih dan il-paragrafu – (a) il-fondi mikrija lill-intimat Michael Parlato Trigona huma l-fondi numru 21 u 22 Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema u mhux kif indikat ; (b) il-kera hija ta` erbatax-il Lira Maltija (Lm14) fis-sena kull fond (u issa gie rivedut) u mhux kif indikat u (c) l-anzjana in kwistjoni mietet fl-1999 u mhux fl-2009 kif erronjament indikat – l-aktar fatt gravi f`din it-talba li tghid li dan l-inkwilinat allegatament qed jarreka dannu lis-socjetà Parade Limited u kwindi lir-rikorrenti bhala membri taghha, hija s-sensiela ta` gideb sfaccat li jaghmlu r-rikorrenti fl-espozizzjoni tal-fatti.*

*3. Fl-ewwel lok tinghata l-impressjoni b`mod dirett li donnu b`abbuz tal-interessi ta` Parade Limited, APT kera fond proprjetà tal-istess Parade Limited lil ibnu l-intimat l-iehor Michael Parlato Trigona b`kera irrizorju li huwa ferm anqas mill-valur tas-suq u li allura b`mod dirett pogga l-interess familjari qabel dak tas-socjetà Parade. Din fiha nfisha mad-daqqa t`ghajn ghal kull terz li jaqraha hija xi haga*

*4. Xejn ma jista` jkun aktar `il boghod minN dan ir-rezokont malizzjuz tal-fatti. L-esponenti ser ikollhom sa minn dan l-att jispjegaw fid-dettall ghaliex dan mhux il-kaz anke ghaliex biex thammeg trid linja wahda, biex tnaddaf u tipprova mod iehor trid hafna aktar minn hekk.*

*5. Il-verità hija din. Matul dawn l-ahhar tletin sena u fuqhom, l-intimat APT u l-Perit Raymond Vassallo, li ta` min jghid ghandhom parentela bejniethom, dahlu f`diversi investimenti flimkien fejn fost l-ohrajn kienu jixtru, jirrinnovaw u jbieghu djar u proprjetajiet immobbli u jzommu l-qliegh bejniethom. Dan kien negozju li dam ghaddej ghal hafna snin, kien negozju li kien gestit bejniethom b`mod ugwali u kien in-negozju li wassal ghat-twelid tas-socjetà intimata Parade Limited. Mhux kollox kien gestit direttament mis-socjetà Parade Limited izda kien hemm bosta attivitajiet li kienu jidhlu fihom Vassallo u Parlato Trigona individwalment.*

*Tul dawn is-snin dejjem kien APT li kien iservi ta` "kaxxier", izomm il-flus, il-kontijiet, jixtri u skond il-bzonn jithallas lura ta` ammonti li jkun hareg huwa stess minn butu ghan-nom tat-tnejn jew vice versa. Tul is-snin kien inholoq running balance bejn Vassallo u Parlato Trigona li sal-lum ghadu attiv u ghadu ma giex saldat. Qatt ma kien hemm problemi bejn il-partijiet qabel dawn il-kawzi u sahansitra tant kien hemm fiducja bejniethom li tul is-snin l-istess Perit Vassallo kien per ezempju xtara boat mill-bilanc kurrenti bejn il-partijiet, APT kien hallas parti mit-tieg ta` bintu minn dak l-istess "kitty" mizmum bejniethom minghajr hadd qatt ma ressaq claim kontra l-iehor jew hadem ezatt id-differenza ta` kemm ha wiehed kontra kemm ha l-iehor.*

*6. Ftit taz-zmien qabel ma gew akkwistati c-cnus tal-proprjetajiet fi Hughes Hallet Street, inkluz dawk bin-numru 21 u 22 mikrija llum lil Michael Parlato Trigona, Vassallo u APT kienu akkwistaw dar gewwa r-Rabat ghas-somma ta` ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) b`titolu ta` cens temporanju f`isem Mark Parlato Trigona (iben APT u hu l-intimat l-iehor Michael) u Simon Vassallo, iben ir-rikorrenti Vassallo. Dan kien miftiehm bejn il-partijiet li bejniethom sabiex jirrinovaw din id-dar nefqu, aktar minn ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) ohra (minn dak l-istess running balance imsemmi). Mark u Simon marru joqoghodu fiha bi qbil bejn ir-rikorrenti Vassallo u APT. Ftit zmien qabel ma ghalaq ic-cens, Mark telaq mid-dar ghax izzewweg. Kien f`dan il-punt li Vassallo kien issuggerixxa li fl-interess komuni, kien ikun ahjar li l-interess kollu f`dik id-dar jghaddi fuq Simon li kien ghadu jabitaha bhala r-residenza ordinarja tieghu. Ghal dan il-ghan sar `trasferiment` biex sehem Mark jghaddi fuq Simon u ghalkemm fuq il kuntratt deher li Simon hallas lill Mark is-somma ta` hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), dan qatt ma sehh u Mark qatt ma rcieva l-ebda flus minn ghand Simon. Il-proprjeta` eventwalment inxtrat f`isem Simon Vassallo li tpogga f`pozizzjoni li jifdi c-cens bhala l-persuna Maltija li kienet tabita l-fond u eventwalment ibiegh dik il-proprjetà. Il-qliegh kapitali ingenti li sehh anke grazzi ghax-xoghol u l-investiment ta` APT qatt ma kien rifuz fir-running balance u lanqas ma gew rifuzi l-ispejjez kbar tar-rinnovar tal-post in kwistjoni, izda wara ftit taz-zmien kienet nibdet opportunità ohra, appuntu l-proprjetajiet gewwa Hughes Hallet Street Tas-Sliema, fejn l-arrangament kien l-istess bid-differenza li kellu jkun issa kien iben APT li kellu jabita fil-post – l-intimat Michael Parlato Trigona.*

*7. F`dak li ghandu x`jaqsam mal-proprjetajiet gewwa Hughes Hallet Street Tas-Sliema allura, negozju li sar wara dak tar-Rabat, kellu jigi adoperat l-istess metru – ossija meta gew akkwistati r-rimanenti snin ta` cens minn ghand l-entità li kienet tiddetjeni l-enfitewsi temporanja u kwindi s-socjetà Parade Limited saret ic-censwalista temporanja, kien hemm bzonn illi l-proprjetajiet kollha jkunu abitati minn cittadin Malti sad-data tal-iskadenza tal-imsemmi cens u l-pjan kien sabiex Parade Limited eventwalment tkun tista` tibbenefika mid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 158 u tikkonverti l-istess titolu cens f`wiehed perpetwu. Dan kien jippermetti lil Parade li una volta tkun akkwistat dak it-titolu perpetwu, imbaghad tikkumercjalizza l-fondi kif jidhrilha xieraq anke permezz tat-twaqqiegh u l-*

*eventwali bini ta` appartamenti godda. Kien ghalhekk li kien maghzul – bi qbil – l-intimat Michael Parlato Trigona, dakinhar guvni, sabiex jmur jabita fil-fond numru 22 (u sussegwentement 21 kif imniffdin ma` xulxin bil-permess ta` Vassallo nnifsu) li ghadu jabita hemm sal-lum, illum bil-familja u t-tfal tieghu.*

*8. Hija gidba doppja, ghax sfortunatament ma tistax tissejjah mod iehor, dik tal-Perit Vassallo meta qal li dan l-inkwilinat mhux fl-interess tas-socjetà Parade Limited u li minhabba li l-fondi okkupati minn Michael Parlato Trigona ma jistghux jinbieghu bil-vacant possession, Parade Limited qed issofri xi dannu. Dan ghaliex l-ewwel, Parade Limited ghadha ma akkwistatx l-enfitewsi perpetwa, vertenza li ghadha pendenti f`kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti (diversament preseduta) mad-directus dominus fl-ismijiet Parade Limited vs Rev. Patri Paul Darmanin noe (1526/01/JRM), haga li naturalment u selettivament ir-rikorrenti naqsu milli jsemmu quddiem din il-Qorti. Kwindi lanqas qatt ma tista` tbiegh proprju ghaliex hadd mhu sa jixtri dawk il-fondi fl-istat matur li fih waslet dik il-kawza. It-tieni, jekk tintrebah dik il-kawza hija wkoll parzjalment mertu tal-fatt li Michael Parlato Trigona bhala cittadin Malti mar jghix hemmhekk u stabbilixxa r-residenza ordinarja anke jekk dan issarraflu f`eluf ta` euro ta` benefikati li nefaq minn butu u li tieghu Parade ghadha qatt ma rrifondietu, ghaliex il-post kien assolutament mhux abitabbli fil-bidu li dahal fih. Fit-tielet lok u aktar importanti minn hekk din, li Michael Parlato Trigona jmur jabita hemm kienet idea tal-istess Perit Vassallo u kien l-istess Perit Vassallo li kien ikkonkluda l-kirja, kien jiffirma r-ricevuti tal-kera, jaccetta l-kera u jirrikonoxxi dan l-inkwilinat. Dawn ir-ricevuti qed jigu hawn esebiti u mmarkati "Dok PT 1" u huwa baqa` jaghmel dan sakemm iddecieda li jibda s-sensiela interminabbli ta` proceduri gudizzjarji kontra kull min kien shab mieghu fin-negozju. Inkredibbli kif ir-rikorrent jghawweg il-fatti u jistrumentalizza kollox biex jilhaq l-iskop ahhari tieghu.*

*9. Jirrizulta ghalhekk li mhux talli t-talbiet rikorrenti li dan l-inkwilinat qed jarreka pregudizzju lil Parade Limited huma ghal kollox frivoli u vessatorji izda talli xejn ma nbidel mic-cirkostanzi fattwali inizjali li wasslu ghal dak l-inkwilinat u se mai Parade Limited taf hafna lil dan l-inkwilinat. Jekk il-Perit Vassallo issa fid-daghdigha u l-paranoja li qabditu kontra l-azzjonisti kollha li huma shab mieghu fil-kumpanija jidhirlu li jrid jittermina dak li hu stess ftiehem dwaru, hemm l-organi socjetarji kompetenti (il-bord tad-Diretturi u l-laqgha generali tal-azzjonisti) fejn ghandu jressaq l-argumenti – mhux kondivizi – tieghu. Jekk ma jirnexxilux hemm ma jistax juza lil din il-Qorti bhala l-istrument addizzjonali a dispozizzjoni tieghu biex tajjeb jew hazin tghaddi bil-fors tieghu.*

*10. U dan apparti u minghajr pregudizzju ghal kull dritt li jispetta lil APT dwar ir-running balance bejnu u bejn ir-rikorrent Vassallo li ghadu sal-lum ixaqleb lejn il-familja Vassallo u li tieghu ghadu ma thallasx l-esponent intimat. Jekk per ezempju l-kawza kkwotata tintilef u l-parti tal-familja Parlato Trigona ma tkunx tista` tigi kumpensata mir-rikavat tal-postijiet fi Hughes Hallet Street, jrid jerga` jigi*

*ri-ekwilibrat il-bilanc peress illi l-qliegh tal-progett precedenti gewwa r-Rabat mar kollu u thallas lil familja Vassallo.*

*11. Irid jinghad ukoll illi l-allegazzjoni li jezisti xi kunflitt ta` interess da parti tal-esponenti APT f`din il-kwistjoni u li l-Bord tad-Diretturi qed jibqa` jirrikonoxxi lill-inkwilin Michael Parlato Trigona ghaliex APT huwa missieru, hija ghal kollox ridikola. APT ma sarx missier Michael Parlato Trigona llum jew issa li nqalghet il-kwistjoni. Kien misseru wkoll meta Raymond Vassallo qabel li Michael jidhol fil-fond u jokkupah bhala r-residenza ordinarja tieghu ghab-beneficcju ta` Parade Limited. Dak iz-zmien qatt ma tqajjem l-ebda kunflitt bhalma qatt ma tqajjem il-kunflitt bejn il-Perit Vassallo u ibnu Simon Vassallo. Bid-differenza li l-Perit Vassallo qieghed fil-pozizzjoni komda li n-negozju ma` ibnu gie konkluz mentri l-esponenti Parlato Trigona ghad irid jistenna l-ezitu tal-kawza ntavolata mill-istess Parade Limited sabiex is-socjetà tkun tista` tivvaluta l-entità reali tal-investiment taghha gewwa Tas-Sliema. Il-Perit Vassallo, l-ewwel ghasar l-arrangament ta` bejnu u bejn l-intimat APT ghab-beneficcju tieghu u tal-familja tieghu. X`hin issa jmiss li jithallas is-sehem ta` Parlato Trigona purament sabiex tigi ri-ekwilibrata s-sitwazzjoni kellu l-ardir iressaq dawn il-kawzi frivoli.*

*Huwa ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohrajn li ser jittressqu fit-trattazzjoni ta` din il-kawza li din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib li bl-inkwilinat in kwistjoni ma sehh propju l-ebda pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti.*

B. *<u>L-ALLEGATI NUQQASIJIET TA` ANTHONY PARLATO TRIGONA</u>*

*Fil-paragrafu 6 tar-rikors promotur, ir-rikorrent isemmi lista interminabbli ta` `dnubiet` venjali u mejta li allegatament wettaq APT fit-tmexxija u l-gestjoni tas-socjetà Parade Limited u ddefinihom bhala "legal hijack" kuncett li ma jfisser assolutament xejn la fil-ligi u lanqas fil-lingwa Ingliza.*

*1. <u>Iz-zamma tal-minuti tas-socjetà intimata</u>*
*(para 6.1 tar-rikors) :*

*Ir-rikorrenti Vassallo jakkuzaw lill-intimat APT li bhala segretarju tas-socjetà in kwistjoni huwa naqas milli jzomm il-ktieb tal-minuti. Dan l-argument ftit jimmerita kunsiderazzjoni u m`ghandux jittiehed bis-serjetà.*

*Minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-intimat jikkontesta bil-qawwa kollha dan il-fatt ghaliex il-Perit Vassallo jaf u jaf sew kif kienet titmexxa din is-socjetà, ta` min jghid li fi kwalunkwe kaz anke jekk jigi (li ma jistax jigi) ppruvat li ma*

*nzammux il-minuti certament din mhi prova xejn ta` l-ebda pregudizzju li timmerita kawza taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386. Aktar minn hekk izda, jekk APT kien is-segretarju allegatament daqstant negligenti, u d-diretturi tas-socjetà kienu dejjem biss l-istess APT u l-Perit Vassallo, fejn kien il-Perit Vassallo tul dawn l-ahhar tlieta u tletin (33) sena li ilha mwaqqfa Parade Limited? Hija jekk xejn ridikola li wiehed mid-diretturi jakkuza lill-iehor, fil-kuntest ta` kawza taht l-Artikolu 402 u jipprova jibbaza l-kawza fost l-affarijiet l-ohra anke fuq dan il-fattur, ossija li ma zammx il-minuti bhala segretarju, meta din il-prassi (jekk ippruvata) kienet proposta, sanzjonata, ratifikata u kontinwata mill-istess persuna li qed tallega dan ghal xejn anqas minn tlieta u tletin sena shah!*

2. *<u>Nuqqas ta` tlestija tal-kontijiet statutorji u multi mill-MFSA</u>*
*(para 6.2 tar-rikors) :*

*Fit-tieni paragrafu tal-punt numru 6 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti jwahhlu fl-esponent APT ghan-nuqqas tal-prezentata tal-kontijiet statutorji u ghall-multi imposti mill-MFSA. Kif dan in-nuqqas jista` b`xi mod jigi attribwit lill-intimat APT u aktar minn hekk jintuza bhala bazi ghal kawza bhal dik odjerna hija haga li l-intimat esponent qatt ma fehem u lanqas jista` jifhem.*

*F`dawn il-proceduri ser jitressqu provi ta` kemm gew sofferti multi, ghal-liema perijodu u meta gew ipprezentati l-kontijiet inkwistjoni. Il-principju legali izda huwa wiehed, car u inekwivokabbli. It-tlestija u l-prezentata ta` tali kontijiet huwa obbligu tad-diretturi. Kif bl-arroganza kollha l-Perit Vassallo jippretendi li una volta sofferti tali multi ghandu jsofrihom l-intimat jew li minhabba f`tali multi l-intimat qed jopprimih hija semplicement inkredibbli. Hija talba frivola u li turi biss kemm jixtieq il-Perit Vassallo jkollu fuq x`hiex jakkuza lill-intimat APT li dejjem u f`kull waqt agixxa b`diligenza assoluta u ta` lis-socjetà Parade Limited hafna aktar milli ha lura, kuntrarju ghall-Perit Vassallo.*

*Ma hemm l-ebda l-icken dubju li bhala diretturi tas-socjetà Parade Limited, l-obbligu tal-prezentata tal-kontijiet fir-Registru tal-kumpaniji kienet tal-Perit Vassallo daqs kemm kienet ta` Parlato Trigona. Anzi ghall-kuntrarju kif ser jigi ppruvat f`din il-kawza, kien il-Perit Vassallo li fil-passat meta gie pprezentat b`kontijiet lesti u awditjati dam ghal xhur shah ma ffirma l-istess u kien hu, kagun tat-traskuragni tieghu, li kien responsabbli ghall-penali u multi imposti fuq is-socjetà Parade Limited.*

3. *<u>Allegat nuqqas ta` kooperazzjoni da parti ta` Anthony Parlato Trigona</u>*
*(para 6.3, 6.4, 6.6 u 6.7 tar-rikors)*

*Fit-tlett subincizi tar-rikors promotur indikati r-rikorrenti jallega tlett cirkostanzi li allegatament arrekawlu pregudizzju u li fuqhom ukoll qed jibbaza l-proceduri odjerni. Dawn it-tlett cirkostanzi huma izda sintomatici tal-forma mentis dittatorjali tal-Perit Vassallo. Fi ftit kliem qed jghid li una volta l-intimat APT naqas milli jaqbel mieghu u kwindi ma gietx implementata l-proposta tieghu (para. 6.5), u ma ntlahaqx qbil dwar laqgha generali u n-nomina ta` "accountant indipendenti" (it-tifsira ta` dan it-terminu mhi cara xejn) allura nholoq pregudizzju ghall-interessi tieghu. Cirkostanza fejn fid-dinja tal-Perit Vassallo jew tghaddi tieghu bis-sewwa, jew tghaddi tieghu mod iehor. Li xi hadd ma jaqbilx mieghu, anke jekk dak ix-xi hadd huwa direttur daqsu, azzjonist daqsu u ghandu interess ezattament daqsu fil-kumpanija Parade Limited, f`mohh il-Perit Vassallo bil-fors li huwa sintomatiku ta` pjan li permezz tieghu sejrin jigu intakkati l-interessi tieghu.*

*Il-frivolozità u l-vessatorjetà ta` dawn it-talbiet ftit jehtiegu elaborazzjoni u sofistikazzjoni fl-argumentazzjoni. L-intimati izda jindirizzaw biss punt wiehed ta` fatt, ossija dak fejn il-Perit Vassallo jaghti x`jifhem li ilu jikteb lill-intimat u jitolbu dawn il-passi izda kien kollu ghalxejn.*

*Il-Perit Vassallo ilu ghal dawn l-ahhar sentejn jikteb bl-addocc ittri u talbiet ridikoli u ohrajn sahansitra provokatorji fil-kuntest tas-socjetajiet kollha fejn huwa nvolut direttament jew indirettament mal-intimat Parlato Trigona fosthom Regent Holdings Limited, Winex Holdings, Windsor Holdings u s-socjetà intimata Parade Limited. Il-kontenut, xi kultant altament offensiv, ta` tali korrispondenza huwa kjarament intiz biex fil-mori ta` certi proceduri diga` pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti u qabel proceduri bhal dik odjerna minghalih jipprova johloq document trail li kien ilu jilmenta ghal zmien twil minn pregudizzji u ghemil nociv fil-konfront tieghu. Dawn it-talbiet kienu malizzjuzi, intizi biex juru bi prova dokumentarja kunflitti fejn ma kien hemm l-ebda kunflitt u ghalhekk l-intimat f`certi cirkostanzi baqa` jmexxi l-kumpanija kif ghandu d-dmir li jaghmel bhala direttur pjuttost milli jinhela f`argumenti li ma jwasslu mkien. Il-Perit Vassallo min-naha tieghu ilu li abbanduna l-funzjonijiet tieghu ta` direttur apparti li dahhal is-socjetà in kwistjoni fi spejjez legali ingenti u bla bzonn.*

*4. <u>Allegazzjoni vaga ta` xi forma ta` misapproprijazzjoni</u>
(para. 6.5 tar-rikors)*

*Ghall-finijiet ta` ekonomija tal-atti mhux ser jerga jigi ripetut anke f`din ic-cirkostanza kif il-Perit Vassallo jipprova juri fatti taht lenti li assolutament ma tkunx dik reali. Fil-paragrafu 6.5 tar-rikors promotur huwa jallega hekk :*

*"Ukoll skond il-kontijiet kien hemm xi [sic] erbat elef euro cash fil-kumpanija u dan [Parlato Trigona] approprijahom fil-pussess tieghu,minkejja li gie mitlub biex jitqieghdu f`kont bankarju operat miz-zewg partijiet. L-esponent gie zgwidat biex*

*jithallsu ihallas [sic] minn butu nofs l-Audit Fees u l-fees tal-Annual Return ghaliex inghata l-impressjoni li ma kienx hemm flus, meta rrizulta wara mill-financial statements li kien hemm bizzejjed flus biex dawn jithallsu u, mitlub jirrifondi, naqas milli jaghmel hekk".*

*L-ghazla tal-kliem f`dan il-paragrafu hija preciza u malizzjuza. Il-Perit Vassallo jghid kollox biex jipprova jizgwida lil din l-Onorabbli Qorti u fl-istess waqt ma jghid xejn. Izda r-rikorrent ma jistax jibqa` jitfa` l-gebla u jahbi idu. Dan il-paragrafu inkiteb biex tinghata l-impressjoni li Parlato Trigona seraq jew immizapproprja fondi tal-kumpanija. Ma kellux il-kuragg jaghmel dik l-allegazzjoni b`mod dirett il-Perit Vassallo izda dawk huwa l-messagg li huwa intiza li jaghti dak il-paragrafu.*

*Ghal darb`ohra dik hija gidba sfaccata. Fl-ewwel lok, kif diga` ntqal ghal tlieta u tletin sena shah kien APT li kien jiggestixxi l-flus anke fuq il-kont tieghu u kien u ghadu jzomm il-flus biex ihallas l-obbligazzjonijiet tal-kumpanija. Din kienet il-prassi maqbula bejn il-partijiet, u ratifikata tul dawn is-snin kollha. Fit-tieni lok, li konvenjentement ma jghidx il-Perit Vassallo huwa <u>ghaliex</u> issa jrid li din il-prassi tinbidel. Irid hekk sabiex ikollu kontroll fuq il-flus halli ma jawtorizza assolutament l-ebda pagament, ikisser il-kumpanija u jasal biex jaghlaqha issa li ghasar li kellu jaghsar minnha naturalment kontra l-interessi ta` Parlato Trigona.*

*Fit-tielet lok u izjed gravi minn hekk x`ezattament ghandu jfisser il-fatt li huwa hallas nofs l-audit fees (u n-nofs l-iehor naturalment hallashom APT) minn butu? Xi pregudizzju sofra ai termini tal-Artikolu 402 meta hu stess qed jghid li huwa hallas biss nofs, u li kwindi hallas sehmu ghaliex APT hallas is-sehem tieghu? Huwa diga` hafna li l-intimat qed ikollu jinkorri spejjez legali u gudizzjarji biex jiddefendi ruhhu minn dawn l-allegazzjonijiet frivoli li ma jwasslu assolutament imkien.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-intimati umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad is-seba talbiet kollha (1) sa (7) tar-rikorrenti Vassallo bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-risposta ta` l-intimati konjugi Parlato Trigona.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Parade Limited li kienet prezentata fis-<u>7 ta` Marzu 2011</u> li taqra hekk –

*Illi r-rikorrent Perit Raymond Vassallo huwa azzjonist fi kwota ta` 50% tal-ishma taghha u huwa direttur minn tnejn flimkien ma` Anthony Parlato Trigona ;*

*Illi din hija procedura mressqa dikjaratament taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta dwar il-gestjoni tal-istess socjeta`, bejn azzjonist u iehor ;*

*Illi s-socjeta` esponenti ghalhekk ghandha interess biss fl-ezitu ta` dawn il-proceduri in kwantu jekk, ghall-argument, l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur jigu ppruvati, tkun is-socjeta` intimati esponenti li tkun sofriet id-dannu vantat u li ghalhekk tkun trid tircievi kwalunkwe kumpens likwidat u mhux ir-rikorrenti odjerni. In principju l-ebda wahda mit-talbiet tar-rikorrenti ma hija indirizzata kontra s-socjeta` esponenti ghaliex is-socjeta` esponenti nfisha la qatt ikkagunat l-ebda dannu u ghandha kull interess li titmexxa skond il-ligi u kwindi ma tistax twiegeb ghalihom ;*

*Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet rikorrenti huma nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjeta` intimata u ghandhom jigu michuda kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors ;*

*Illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom f`kull kaz jigu rizarciti lis-socjeta` esponenti li hija kompletament estranea ghat-talbiet rikorrenti ;*

*Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti filwaqt li tirriserva li tirregola l-pozizzjoni taghha ulterjorment f`dawn il-proceduri, titlob li din l-Onorabbli Qorti tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet rikorrenti huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghha bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.*

Rat ir-risposta tal-intimat Michael Parlato Trigona li kienet prezentata fis-7 ta` Marzu 2011 li taqra hekk –

*Illi din hija kawza li r-rikorrenti ntavolaw a tenur tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta fil-kuntest tas-socjeta` intimata Parade Limited ;*

*Illi l-intimat esponent huwa ghal kollox estranju ghall-fatti kollha dikjarati fir-rikors promotur, ma jista` jforni l-ebda wiehed mir-rimedji mitluba u lanqas qatt ma kien minimament involut la fil-gestjoni, la fl-amministrazzjoni u lanqas fi kwalunkwe haga li tikkoncerna Parade Limited. Illi huwa semplicement mar jabita, u ghadu jabita b`titolu ta` kera, fil-fondi bin-numru 21 u 22 Hughes Hallet Street,*

*Tas-Sliema kif kien mitlub li jaghmel mill-kontendenti Perit Raymond Vassallo u missieru Anthony Parlato Trigona u sal-lum huwa semplicement kreditur tas-socjeta` Parade Limited ghal numru ta` benefikati li ghamel fil-fond in kwistjoni a beneficcju tal-istess Parade Limited;*

*Illi ghaldaqstant huwa jeccepixxi s-segwenti :*

*1. Illi preliminarjament, l-esponent jeccepixxi li huwa ma huwiex il-legittimu kuntradittur ta` dawn il-proceduri proprju ghaliex huwa la huwa membru, la huwa direttur u lanqas huwa minimament involut ma` Parade Limited u kwindi ma jistax joffri l-ebda wiehed mir-rimedji mitluba mir-rikorrenti. Fil-fatt kawza ntavolata ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 hija kawza li tindirizza fatti u cirkostanzi interni ghal kumpannija u li tipprovdi rimedji interni u kwindi l-prezenti hija improponibbli fil-konfront tieghu u ghalhekk ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju b`mod immedjat a spejjez interament tar-rikorrenti ;*

*2. Illi, preliminarjament ukoll, minn qari tal-kawza mressqa mir-rikorrent jidher car li din il-vertenza tikkoncerna l-kontendenti kollha mharrka fil-kawza salv l-eccipjent u per konsegwenza japplika l-principju tar-'res inter alios acta' u l-istess eccipjent m`ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti. Ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi mehlus mill-harsien tal-gudizzju b`mod immedjat a spejjez interament tar-rikorrenti Michael Parlato Trigona minn issa qed izomm responsabbli lill-kontendenti kollha fil-kawza odjerna jekk huma minn issa 'l quddiem jiehdu xi decizjoni li jilledu l-jeddijiet lokatizzji gja` mghoddija lilu ;*

*3. Illi, preliminarjament ukoll, il-konvenut Michael Parlato Trigona jecepixxi n-nullita` tar-rikors promotur hekk kif imressaq u dana a tenur tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u dana billi dak li qed jittenta jwettaq ir-rikorrenti hu li jistitwixxi diversi kawzi f`kawza wahda bi ksur tal-principju kardinali 'electam una via non datum recursus ad alteram' liema azzjonijiet varji huma inkompatibbli ma` xulxin, liema vjolazzjoni ma tistax tissewwa taht l-ebda disposizzjoni ohra tal-ligi ;*

*4. Illi l-intimat-eccipjent huwa ferm sorpriz b`din il-kawza meta sa fejn jaf hu r-rikorrent Raymond Vassallo kien involut fid-decizjonijiet kollha li hadet il-kumpannija in konnessjoni mal-lokazzjoni moghtija lill-eccipjent ;*

*5. Illi sussidjarament u fuq il-mertu, huwa qatt ma kkaguna l-ebda dannu lis-socjeta` Parade Limited anzi kien strumentali bl-agir tieghu ghall-awment fl-assi tal-istess socjeta` u kwindi kull talba ghal dikjarazzjoni ta` responsabbilta` u eventwali likwidazzjoni ta` danni ghandha tigi michuda bl-ispejjez ;*

*6. Salv linji difensjonali ohra hekk kif permessi mil-ligi.*

Rat il-provvediment li tat fit-12 ta` Dicembru 2011 fejn laqghet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-intimat Michael Parlato Trigona, u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tal-11 ta` Marzu 2014.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-Art 402 tal-Kap 386

Kif jirrizulta propju mill-ewwel sentenza tar-rikors promotor, l-istanza tar-rikorrenti hija fondata fuq l-Art 402 tal-Kap 386. Il-Qorti sejra ghal dawk il-partijiet biss ta` dan l-artikolu li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum :-

*(1) Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu*

…

*(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –*

*(a) li jirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet talkumpannija fil-futur ; jew*

*(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta` xi att propost ; jew*

*(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li rrikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*

*(d) jipprovdi ghax-xiri ta` l-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew millkumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghattnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug talkumpannija ; jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti tal-qorti f`isem u ghan-nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik ilpersuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta` kumpannija skond is-subartikolu (3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-Att li jirregolaw listralc ta` kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista` jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

Fil-pag 970 ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** AndrewMuscat jitfa` fuq ir-rikorrenti l-piz tal-prova li l-agir lamentat jaqa` fl-ambitu tas-subartikolu (1). Ighid hekk :-

*"This wording* (tal-subartikolu 1) *clearly suggests that the member need only prove one effect of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).*

Sabiex il-Qorti taghti ordni skond kif previst fis-subartikoli (3) (4) u (5) ta` l-Art 402 hija tassattiva l-prova tal-att li minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti. Fis-sentenza li ta` din il-Qorti (**PA/GV**) tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et**" inghad hekk –

*Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li … (b) jew li xi att jew ommissjoni talkumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.*

Jekk abbazi tal-provi skont il-fattispeci ta` kull kaz il-Qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni skond is-subartikoli l-ohra. Jekk il-prova ma tirrizulta, allura l-Qorti hija prekluza milli tapplika dak previst fis-subartikoli lohra. Ghalhekk f`dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi ghall-provi li tressqu abbazi tas-subartikolu (1).

## III. Sintesi tal-provi

**L-intimat Michael Parlato Trigona** xehed illi huwa jigi iben l-intimati konjugi Parlato Trigona. Qal illi mhux involut bl-ebda mod fit-tmexxija, gestjoni, amministrazzjoni jew xorta ohra fis-socjeta` ntimata Parade Limited. L-unika relazzjoni li ghandu mas-socjeta` hija li huwa jikri minghandha l-fondi 21 u 22, Triq Hughes Hallet, Sliema. Jaf illi r-rikorrent u missieru, li huma azzjonisti ta` Parade Limited fi kwoti ndaqs bejniethom, kienu qablu illi jikru l-fondi in kwistjoni. Ighid illi huwa stabilixxa d-data taz-zwieg tieghu fil-fond de quo. Huwa kreditur ta` Parade Limited ghal numru ta` benefikati li ghamel fil-fondi in kwistjoni. Il-mertu tal-kawza tal-lum tirrigwarda lill-azzjonisti mhux lila. **Fil-kontroezami**, huwa xehed li huwa ghamel xogholijiet fejn bihom ghaqqad il-fond 21 mal-fond 22 sabiex b`hekk saru fond wiehed.

**Ir-rikorrent** xehed illi l-azzjonisti ta` Parade Limited huma hu u l-kugin tieghu Anthony Parlato Trigona. Ghandhom 50% tal-ishma kull wiehed. Huwa wkoll id-diretturi tal-kumpannija. Michael Parlato Trigona huwa nkwilin ta` Parade

Limited. Il-kirja tieghu kienet intiza ghal zmien limitat u ghal skopijiet ta` residenza. Dahal fil-fondi minflok inkwilini ohra li kienu mietu. Ghalihom kien necessarju li jkun hemm inkwilin sabiex issir talba halli c-cens jigi konvertit ghal perpetwu. Ghalhekk dahal Michael Parlato Trigona. Jista` jkun li huwa kien accetta li tibqa` l-istess kera li kellhom l-inkwilini ta` qabel. Ighid pero` li huwa qatt ma ha xejn mill-kera. Michael Parlato Trigona qatt ma tkellem mieghu. Ighid illi huwa kien interpella lil Anthony Parlato Trigona sabiex il-flus li jircievi mill-kirjiet (peress li kien hemm sitt fondi b`kollox) jitqieghdu fil-kont tal-kumpannija izda dan qatt ma accetta li jqeghdhom ; u ghalhekk, skont Vassallo, il-flus tal-kera kienu misapproprjati.

Fil-**kontroezami,** ir-rikorrent ikkonferma li kien iffirma xi rcevuti tal-hlas tal-kera li kienet ta` Lm 14 ghal kull fond. Baqa` jinsisti li ma rcieva l-ebda hlas ta` kera minghand Michael Parlato Trigona. Huwa kien jiffirma ghal Parade Limited.

Ighid illi kien jaghmel hafna xoghol mal-kugin tieghu Anthony Parlato Trigona. Kienu anke xtraw dar Ghawdex u yacht bi shab bejniethom sabiex igawduhom flimkien mal-familja taghhom. Spjega fid-dettal meta Anthony Parlato Trigona kien ssellef madwar Lm 16,500 mill-kumpannija biex jaghmel uzu minnhom ghat-tieg ta` bintu. Isemmi negozju dwar propjeta` r-Rabat li sar f`isem ibnu u f`isem iben Anthony Parlato Trigona.

Xehed illi huwa process difficli biex jigi konvertit cens temporanju ghal wiehed perpetwu. Infatti kien hemm kawza pendenti dwar il-propjeta`. Ighid illi tkellem ma` Anthony Parlato Trigona sabiex jigi fformulat xi ftehim dwar Michael Parlato Trigona. Anthony Parlato Trigona kien qallu li jekk tirnexxi t-talba ta` Parade Limited li c-cens jigi konvertit ghal wiehed perpetwu, ibnu Michael kien lest jitlaq mill-postijiet, sakemm jinbena progett li kellhom ippjanat, u kif jitlesta, Michael kellu jinghata flat *free of charge* b`kejl ekwivalenti ghall-fond li kien qed jiddetjeni. Huwa baqa` mistaghgeb b`dik il-proposta. Bil-ghan illi jevita l-Qorti, huwa ppropona illi Michael Parlato Trigona jkun garantit li ser jabita f`unit wiehed izda jinghata unit iehor lil xi hadd minn tal-familja tieghu. Parlato Trigona rrifjuta l-proposta.

Qal illi Parade Limited kien inkorriet diversi multi li gew inkorsi minhabba negligenza ta` Parlato Anthony Trigona.

Fisser illi fl-2009 kienet saret laqgha tal-Bord ta` d-Diretturi ta` Parade Limited fejn kienu prezenti l-avukati. Hemm huwa talab lill-Bord sabiex jiddeciedi li jtemm l-inkwilinat ta` Michael Parlato Trigona, peress li skont parir legali li kellu, kien irrizulta li l-kirja ma kenitx taqa` taht il-ligijiet il-qodma billi kienet saret fl-1999. Il-mozzjoni tieghu ma kenitx ghaddiet.

Qal illi l-flus tal-kirja qatt ma dehru fil-kont tal-bank ta` Parade Limited. Anthony Parlato Trigona kellu ghandu pozizzjoni ambigwa peress li kien jidher ghal ibnu Michael u fl-istess waqt huwa kien ukoll direttur u company secretary ta` Parade Lmited. Ikkonferma li fil-fondi in kwistjoni kien sar xoghol ta` tibjid u ta` waterproofing. Ighid illi l-Bord qatt ma rcieva notifikazzjoni minn Michael Parlato Tridona li kienu ser isiru benefikati fil-fondi. Ighid illi wiehed mill-bibien ta` fond minnhom inghalaq u minflok saret tieqa. Qal li ma jafx jekk kienx hemm permess tal-MEPA. Il-Bord twarrab minn kull decizjoni. Minghajr ma ttiehdet decizjoni mill-Bord, Anthony Parlato Trigona beda jaccetta €185 fis-sena ghall-fondi li kellha s-socjeta` nkluzi dawk li kienu ghand Michael Parlato Trigona. Ghalih dak kien abbuz.

Stqarr illi bhala azzjonist kien vittma ta` oppressjoni u pregudizzju ngust minhabba l-abbuz imwettaq minn Anthony Parlato Trigona.

Ighid illi apparti l-fondi in kwistjoni, l-assi ta` Parade Limited kienu jinkludu l-investiment li Parade Limited ghandha fil-kumpannija Windsor Holdings Limited. Fil-fatt ghandha 50% ta` l-ishma. Ighid illi Parlato Trigona sfrutta l-infrastruttura tas-socjeta` Windsor Holdings Limited billi hu u l-Perit William Carbonaro kienu johorgu l-visas ghal kull min imur it-Tajlandja. Sostna li Parlato kien imhallas *full time salary* biex jahdem ma` Windsor Holdings Limited. Gara li ttraskura r-rwol tieghu bil-konsegwenza li kemm Windsor Holdings Limited kif ukoll Parade Limited inkorrew multi kbar mill-MFSA.

Stqarr illi saret laqgha tal-Bord ta` Parade Limited sabiex, wara li kien inghata parir, is-socjeta` tigi konvertita f`partnership a nom collectif, billi socjeta` ta` din ix-xorta mhijiex obbligata tressaq audited accounts u lanqas thallas registration fees. Parlato Trigona cahad li qatt kien hemm ftehim li jsir hekk. Il-problema tieghu kienet illi Parlato Trigona kellu l-obbligu li jzomm il-minuti izda fir-realta` qatt ma zamm minuti hlief ghall-ahhar zmien. Talab li jsibu tarf tal-multi izda kull darba l-mozzjoni tieghu kienet taqa`.

Isostni li minhabba *dereliction of duties* da parti ta` Parlato Trigona, kien hemm diversi ammonti ta` flus lil Windsor Holdings Limited li baqghu ma ngabrux, fosthom kera dovuta mill-Perit Edward Micallef. Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-Bord tad-Diretturi ta` Parade Limited kenitx saret xi xi pressjoni fuq Windsor Holdings Limited, Perit Vassallo stqarr illi Palato Trigona u Carbonaro raw l-interessi personali taghhom ghad-detriment kemm ta` Parade Limited u kif ukoll ta` Windsor Holdings Limited.

Sostna li parti mill-assi ta` Parade Limited huma l-flus li tircievi mill-kirjiet tal-fondi ta` Hughes Hallet Street, Sliema. Spjega li kien intalab mill-awditur Karm Fenech biex johrog xi flus minn butu. Huwa hallas kif intalab, u wara induna li s-socjeta` kellha flus kontanti, u ghalhekk talab rifuzjoni ta` li kien hallas, izda baqa` ma rcieva xejn. Kompla jghid li huwa kien talab li tigi nkarikata persuna sabiex biex tiehu hsieb il-kotba ta` l-kumpannija, izda Parlato Trigona baqa` ma wiegbu xejn. Stqarr illi huwa kien qed jiffirma l-accounts kontra qalbu, peress illi jekk ma jiffirmax l-accounts, il-kumpannija tkompli tehel il-multi.

**<u>Anthony Parlato Trigona</u>** xehed illi bhall-Perit Vassallo huwa kien direttur u azzjonista ta` 50% tal-ishma ta` Parade Limited. Bhala sfond, huwa fisser illi mal-Perit Vassallo, kellu negozju ta` xejra diversa. Ma kienx hemm distinzjoni netta ta` xi jmur go Parade Limited u ta` dak li jibqa` f`isimhom. Huwa kien jaqsam l-istess ufficju mal-Perit Vassallo ; ghalhekk ma kien hemm xejn li gie fuq il-Perit Vassallo ghal gharrieda jew li l-Perit Vassallo ma kienx jaf bih ta` kuljum. Parade Limited kellha rwol zghir fil-hafna progetti li kienu ghaddejjin bejniethom. Essenzjalment kienet tigbor il-kirjiet ta` postijiet go Tas-Sliema.

Kompla jghid illi Parade Limited kienet akkwistat ic-cens temporanju ta` xi postijiet ta` abitazzjoni go Triq Hughes Hallet Sliema. Ic-cens kien se jaghlaq fi zmien qasir. Fost il-persuni li kienu jabitaw fil-postijiet, kien hemm tnejn li mietu. Hu u l-Perit Vassallo ftehmu li fil-post imur joqghod bil-kera ibnu Michael Parlato Trigona. Sar il-ktieb tal-kera. Meta c-cens temporanju kien konvertit ghal perpetwu, sar il-fidi. Dan kollu ma sarx minn fl-isem ta` Parade Limited.

Fisser illi ibnu Michael ghamel diversi benefikati fil-postijiet in kwistjoni. Imbaghad bdew jinqalghu l-kwistjonijiet mal-Perit Vassallo ghaliex dan beda jghid li kien hemm konflitt ta` interess.

Ighid illi l-Perit Vassallo kien ilu jaf bil-multi. Kien hemm zmien fejn Perit Vassallo, minhabba t-traskuragni tieghu, naqas li jiffirma l-accounts. Qal fid-dettall kif lesta l-accounts, li mbaghad gieli damu biex jitlestew mill-awdituri. L-accounts tal-2009 saru fil-hin izda Perit Vassallo qala` kjass shih ghaliex qal illi ma kienx lest jaccetta self li kien sar bejn Parade Limited u Windsor Holdings Limited. L-accounts ghall-2010 u 2011 tlestew ukoll fil-hin izda l-awdituri rrifjutaw li jahdmu fuqhom qabel isir l-audit ghall-2009.

Xehed dwar l-allegat ftehim sabiex Parade Limited minn kumpannija ssir socjeta` en nom collectif.

Qal illi ma kienx intlahaq ftehim ghalkemm il-materja kienet diskussa.

Cahad il-kontenut tad-dokument li pprezenta Perit Vassallo fil-11 ta` Dicembru 2012.

Stqarr illi kien ilu bosta snin izomm ghandu flus ta` Parade Limited. Meta xehed kellu €1,100.

Fil-**kontroezami**, fisser illi qatt ma kienet prassi li l-flus jigu depozitati fil-kont tal-kumpannija. Kien Karm Fenech li talab li l-auditors` fees jithallsu nofs bin-nofs. Ibnu Michael dejjem hallas il-kera.

Fil-kawza xehed ukoll il-**Perit William Carbonaro**. Milli xehed ma hemm propju xehed li huwa rilevanti ghall-fini tal-kawza tal-lum.

## III. Il-lanjanzi tar-rikorrenti

### a) Il-fondi ta` Triq Hughes Hallet, Tas-Sliema

Ir-rikorrenti jghidu illi l-inkwilinat favur Michael Parlato Trigona tal-fondi 21 u 22, Triq Hughes Hallett, Sliema, kien intiz ghal zmien temporanju sakemm ic-cens temporanju jigi konvertit ghal cens perpetwu. Ir-rikorrent ighid illi Michael Parlato Trigona dahal wara li l-inkwilini tal-fondi mietu ghal habta tal-1999 meta kien ser ikun hemm problema biex tigi applikata l-ligi vigenti dak iz-zmien dwar il-konverzjoni ta` cens temporanju ghal wiehed perpetwu. Ikompli jsostni r-rikorrent illi Anthony Parlato Trigona kien ippropona lil ibnu bhala inkwilin biex japprofitta mis-sitwazzjoni ghall-gwadann tieghu personali a detriment ta` Parade Limited. Il-fatt illi Michael Parlato Trigona nefaq minn tieghu flus ghal benefikati fiz-zewg postijiet juri li l-intenzjoni kienet ta` gwadann personali stante li l-ghan kien li l-postijiet jibqghu ghand Parlato Trigona.

Din il-Qorti fehmet ir-raguni ghalfejn gie nvolut Michael Parlato Trigona u cioe` sabiex Parade Limited tiggwadanja fuq il-postijiet billi tinsisti illi kienu jezistu l-kriterji sabiex tigi konvertita l-enfitewsi minn wahda temporanja ghal wahda perpetwa. Irrizulta izda li meta ntalbet it-terminazzjoni ta` l-inkwilinat ta` Michael Parlato Trigona, ma ntlahaq l-ebda ftehim u saru anke proposti li dan jinghata appartament ta` l-istess qies li kien jokkupa wara li jsir l-izvilupp minn Parade Limited fil-blokka bini in kwistjoni.

Madanakollu l-Qorti ma tistax tifhem kif il-Perit Vassallo beda jilmenta biss madwar is-sena 2011 (meta pprezenta dan ir-rikors) jew xi ftit zmien qabel dan, meta fil-verita` Michael Parlato Trigona kien ilu mill-1999 ighixu fl-ambjenti in kwistjoni. Fl-1999 Perit Vassallo kien accetta mhux biss il-kirja izda sahansitra ffirma uhud mill-ircevuti tal-kera li hargu favur Michael Parlato Trigona (ara Dok PT1 a fol 20). Inoltre diversi mill-benefikati li ghamel Michael Parlato Trigona kienu jidhru minn barra u ghalhekk ma jistax jinghad li Perit Vassallo ma kienx jaf bihom. Jinghad ukoll li aktar ma beda jghaddi z-zmien, u Michael Parlato Trigona ma baqax guvni, aktar messet ittiehdet azzjoni biex tigi kjarifikata s-sitwazzjoni tieghu fir-rigward tal-postijiet. Da apparti l-fatt li wahda mill-ircevuti esebita a fol 20 u anke ghal darb`ohra dik a fol 59, jirrizulta li kien hemm notament mehud illi gie miftiehem li l-postijiet jistghu jinghaqdu flimkien biex isiru fond wiehed. Din ir-ricevuta kienet iffirmata mir-rikorrent u ghalhekk, dan kien konsapevoli tal-fatt li kienu se jsiru xogholijiet ta` tniffid.

Il-Qorti tifhem ukoll li ladarba kien hemm procedura pendenti sa mis-sena 2001 mal-Provincjal ta` l-Ordni tal-Frangiskani Minuri ta` Malta, lanqas ma kien fl-interess ta` Parade Limited, li l-inkwilin jigi ordnat jizgombra minn dawk l-ambjenti stante li b`hekk kienu jitwarrbu r-rekwiziti li kienu necessarji ghall-applikazzjoni tal-ligi dwar konverzjoni ta` enfitewsi. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li meta gie pprezentat dan ir-rikors, kien hin propizju sabiex tintalab it-terminazzjoni ta` l-inkwilinat ta` Michael Parlato Trigona. Kwindi din il-Qorti ma tarax li fih innifsu l-fatt illi ma kenitx approvata l-mozzjoni ghat-terminazzjoni ta` l-inkwilinat ta` Michael Parlato Trigona seta` kien ta` pregudizzju ghall-interess ta` Parade Limited.

Din il-Qorti fehmet ukoll illi jista` jkun li kien hemm xi intendiment fis-sens li bhal kif iben Vassallo kien moghti proprjeta` fir-Rabat (liema proprjeta` giet akkwistata f`isem zewg subien ta` Vassallo u Parlato Trigona rispettivament kuntrarjament ghal din in kwistjoni li giet akkwistata minn Parade Limited) kien imbaghad imiss lil ibnu biex jinghata proprjeta`.

Din il-Qorti mhijiex konvinta illi l-intendiment ma kienx fuq dawn il-linji u li in effetti l-ftehim kien li Michael Parlato Trigona jibqa` jabita hemmhekk anke wara li l-ambjenti jigu zviluppati minn Parade Limited.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza li saret *res judicata* moghtija fl-ismijiet **Parade Limited vs Reverendu Patri Pawl Darmanin O.F.M nomine** deciza fit-23 ta` Jannar 2013 (a fol 184 et seq) fejn kien dikjarat illi Parade Limited ma ghandhiex dritt li tikkonverti l-enfitewsi ghal wahda perpetwa u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tikkonsidra l-ewwel talba tar-rikorrenti. Fis-sitwazzjoni vigenti, ma tistax issir talba sabiex jinghata kongedo tal-kera tal-fondi in kwistjoni 21 u 22, peress li illum-il gurnata dawn gew dikjarati li huma proprjeta` tal-Partijiet

Frangiskani Minuri ta` Malta. Ghalhekk mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni dwar x` kien fil-verita` l-intendiment bejn il-kontendenti u jekk fil-verita` kienx hemm xi tip ta` pregudizzju u konflitt ta` interess ezercitat da parti ta` Anthony Parlato Trigona. Fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti sostna li fil-15 ta` Ottubru 2013, huwa rnexxielu jottjeni awtorizazzjoni biex fl-isem ta` Parade Limited jibda proceduri kostituzzjonali dwar nullita` ta` din is-sentenza (fol 237). Madanakollu fil-kors tal-kawza tal-lum ma ngabet l-ebda prova li kienet presentata l-kawza kostituzzjonali. Ghalhekk is-sentenza citata taghmel stat.

Fuq nota ohra, ir-rikorrenti sostna wkoll li sar abbuz meta Anthony Parlato Trigona accetta l-hlas ta` €185 bhala kera fuq kull wiehed mill-fondi mikrija lil Michael Parlato Trigona minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Bord. Din il-Qorti tifhem li t-thaddim tal-kumpannija kien ferm informali izda dan ma jfissirx li azzjonist jew direttur seta` jaqbad jiehu decizjoni minghajr ma jinforma lill-Bord u jghaddi mozzjoni b`dak il-mod. Jidher li tassew Parlato Trigona ha decizjoni minghajr ma` ressaq mozzjoni fis-sens li beda jaccetta l-hlas ta` €185 bhala kera minghand Michael Parlato Trigona ghal kull appartament li kellu ghandu. Huwa nkoncepibbli li tittiehed decizjoni ta` dan it-tip minn azzjonist/direttur wiehed minghajr ma jsir l-ebda accenn dwar din il-kwistjoni waqt il-laqghat tal-Bord. Madanakollu, din il-Qorti tara li l-accettazzjoni ta` dan l-ammont ta` kera seta` sar biex jissahhah l-argument imressaq minn Parade Limited li l-postijiet kienu ilhom abitati mill-istess inkwilin u li kienu ghalhekk kirjiet li kienu pre-1995. Jinghad izda li dan ma jiggustifikax li tali kwistjoni ma tigix diskussa fil-bord ta` diretturi jew waqt laqgha generali. Madanakollu, dan in-nuqqas ma jammontax fl-ghajnejn tal-Qorti ghal dak li jrid li ma jsirx l-Art 402(1) tal-Kap 386.

Il-Qorti lanqas ma tara bhala argument fondat illi kien hemm telf kummercjali ghaliex li kieku l-kera intemmet, il-fondi kienu jinkrew b`kera ghola jew jinbieghu ghall-ammonti u prezzijiet tas-suq u cioe` ghal prezz notevoli tenut kont tad-daqs u tal-lokalita`. Il-fatt hu li kien hemm pendenza gudizzjarja li kienet tirrigwarda t-titolu ta` Parade Limited fir-rigward ta` dawn il-proprjetajiet u ghalhekk dawn il-fondi ma setghux jinbieghu bi prezzijiet tas-suq waqt li jigi njorat l-instabbilita` tat-titolu ta` Parade Limited. Lanqas ma huwa argument fondat li kien hemm telf patrimonjali u ghalhekk pregudizzju subit minn Parade Limited minhabba li l-kera kienet biss ta` €185 meta setghet tkun ferm oghla.

Ir-rikorrent ressaq l-argument illi s-sidien attwali u prezenti ta` dawn l-ambjenti qed jitolbu lil Michael Parlato Trigona madwar €500 jew €600 kera fix-xahar ghall-fondi. Madanakollu, dan l-ammont ma jistax jigi ekwiparat ghal kera valida li setghet Parade Limited tippretendi li tithallas minn inkwilini inkluz Michael Parlato Trigona minhabba l-instabbilita` tat-titolu taghha, li finalment irrizulta li ma kienx wiehed tajjeb. Din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi pregudizzju soffert minn Parade Limited fiz-zmien li baqghet tircievi l-kera minghand Michael Parlato Trigona bl-ammont li kienu jhallsu l-inkwilini ta` qabel u

mbaghad bl-ammont hekk kif emendat mil-ligi. Hekk jew b`hekk il-ftehim kien proprju li tibqa` ghaddejja is-sitwazzjoni li kien hemm kirja vigenti sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiziti tal-ligi dwar konverzjoni ta` enfitewsi temporanja ghal wahda perpetwa.

**b) <u>Il-flus kontanti</u>**

Ir-rikorrent ilmenta li l-*financial controller* Anthony Parlato Trigona kellu jiddepozita kull dhul fil-kont kurrenti tas-socjeta` u li kull infieq isir mic-cheque book tas-socjeta` halli b` hekk jinzamm audit trail. Skont ir-rikorrent, Parlato Trigona kien izomm il-flus fil-but sabiex jevadi l-htiega li jkollu jitlob il-firma tieghu ghall-hrug ta` cheques.

Mhuwiex desiderabbli li socjeta` titmexxa b`mod li l-flus taghha jinzammu *in cash* minflok go kont il-bank. Madanakollu tifhem li ghall-pratticita` kien ikun aktar komdu ghal Parlato Trigona li jzomm ammont ta` flus kontanti biex ikun jista` jiehu hsieb l-ispejjez tal-kumpannija. Jidher li din is-sistema kienet ilha tigi adoperata sa mill-bidu nett tal-formazzjoni ta` din il-kumpannija stante l-fiducja li kien hemm bejn il-partijiet li huma kugini.

Ghalhekk il-Qorti tara li mhuwiex gustifikat li Perit Vassallo li sa minn dejjem kien jaf li s-sistema kienet dejjem li jinzammu l-flus kontanti minn Parlato Trigona jirrikorri ghal rimedju skont l-Art 402 tal-Kap 386 propju ghal din ir-raguni. Li kieku s-sitwazzjoni kienet diversa u mbaghad, Parlato Trigona beda jzomm il-flus in kontanti flok fil-kont bankarju jista` jkun li kien hemm lok ta` lment, izda ladarba s-sitwazzjoni kienet dejjem tigi operata b`dak il-mod, u ma sar l-ebda ilment li naqsu xi flus tal-kumpanija, din il-Qorti ma tarax li tista` tqis dan l-ilment bhala tajjeb bizzejjed ghall-applikazzjoni tal-Art 402.

Kien hemm ukoll ilment dwar misapproprjazzjoni ta` flus peress illi skont ir-rikorrent f`okkazjoni minnhom huwa intalab johrog flus minn butu ghal certa hlasijiet, hekk ukoll kif intalab jaghmel anke Parlato Trigona. Izda wara rrizulta li kien hemm bizzejjed flus kontanti sabiex dawn l-ispejjez jinhargu mill-flus ta` Parade Limited u mhux mill-fondi personali tal-azzjonisti taghha. Il-Qorti mhijiex tara kif dan l-ilment jista` jinkwadra ruhu fl-Art 402. Il-fatt li Perit Vassallo hallas sehmu minn dawn l-ispejjez kif daltronde ghamel Parlato Trigona ma jfissirx li Parlato Trigona ghamel misapproprjazzjoni ta` flus ta` Parade Limited. Parlato Trigona kien car fix-xiehda tieghu dwar xi flus ghandu fl-isem ta` Parade Limited u qatt ma ddikjara li dawn kienu saru proprjeta` tieghu. Ghalhekk, kwalunkwe *cash* li kellha Parade Limited ghand Parlato Trigona baqa` *cash* ta` Parade Limited.

c) **L-investiment go Windsor Holdings Limited**

Ir-rikorrent sostna li 98% tal-patrimonju tas-socjeta` Parade Limited jikkonsisti fl-investiment li din ghandha fis-socjeta` Windsor Holdings Limited bil-pussess ta` 50% tal-ishma taghha. Jinsisti li meta huwa ressaq mozzjoni sabiex igib l-awtorizzazzjoni tal-Bord ta` Parade Limited biex jiehu passi kontra Perit Carbonaro u kontra Parlato Trigona minhabba l-operat ta` Parlato Trigona fil-hinijiet tax-xoghol ghal Windsor Holdings Limited li skont Vassallo kien qed jikkaguna danni, dik il-mozzjoni ma kenitx ghaddiet.

Il-Qorti tghid illi m`ghandhiex tidhol fi kwistjonijiet pertinenti ghal Windsor Holdings Limited u l-allegati nuqqasijiet. Il-fatt li l-Bord ma awtorizzax lir-rikorrent biex jiehu passi legali ghan-nuqqasijiet li qal li kienu qed isehhu fis-socjeta` Windsor Holdings Limited ma jfissirx li kien hemm pregudizzju u kien premeditat biex jopprimi d-drittijiet ta` l-azzjonist Perit Vassallo.

d) **Anthony Parlato Trigona bhala company secretary u financial controller**

Ilment iehor tar-rikorrenti kienet l-allegata negligenza ta` Parlato Trigona bhala *company secretary* u *financial controller*. Sostna li Parlato Trigona gab dewmien fit-thejjija ta` l-accounts li wassal ghall-imposizzjoni ta` multi mir-Registratur tal-Kumpanniji.

Din il-Qorti ma tikkondividix ma` dak sottomess mir-rikorrenti li kien proprju u esklussivament it-traskuragni ta` Parlato Trigona kif ukoll il-fatt li kien jiddedika hafna hin ghall-hrug ta` visas li tellfu serjament tant li dan issottometta l-*accounts* tas-socjeta` tardivament b`mod tardiv bil-konsegwenza li s-socjeta` inkorriet multi.

Fil-fehma tal-Qorti, kien wkoll jinkombi fuq Perit Vassallo bhala direttur u azzjonist illi jistharreg ir-raguni ghalfejn kien hemm id-dewmien u jagixxi. Dan in linea ma` dak sostnut fil-provvediment moghti minn din il-Qorti fit-13 ta` Jannar 2011 fil-kawza "**Ronald Azzopardi vs Taormina Holdings Limited et**" fejn inghad hekk :-

*"Prof. Andrew Muscat fil-pagna 507-509 ta`* ***Principles of Maltese Company Law*** *ighid hekk –*

*'As a general rule, the directors are obliged to ensure that the accounts are drawn up clearly and in accordance with the provisions of the Act and with generally accepted accounting principles and practice. An overriding principle,*

*however, is that the accounts must give a truie and fair view of the company`s assets, liabilities, financial position and profit or loss ... The company`s annual accounts should be approved by the voard of directors and the balance sheet should be dated and signed on behalf of the board by two directors of the company. Every copy of the balance sheet which is laid before the company in general meetingor which is otherwise circulated, published or issued is to state the name of the directors who signed the balance sheet on behalf of the board. The same directors are to sign, on behalf of the board, the copy of the balance sheet which delivered to the Registrar.*

*Directors need to exercise considerable caution in relation to the approval of the annual accounts. Indeed, if accounts are approved which do not comply with the provisions of the Companies Act every director of the company who was party to their approval and who knew that they did not sso comply or was negligent as to whether or not they so complied is liable to a penalty. For the purposes of this rule, every director at the time the accounts were approved is considered to be a party to their approval unless he proves that he took all reasonable steps to prevent their being approved ...*

***Ir-rikorrent ma kienx semplici azzjonista izda direttur wkoll fiz-zmien tal-accounts in kwistjoni.*** *Kien obbligu tieghu li jinsisti, anke permezz ta` fakoltajiet li taghtih il-ligi, ma` min kien mieghu fil-bord dak iz-zmien sabiex jassikura li l-accounts jigu approvati kif trid il-ligi. Mhux iqieghed kollox fil-genb sa ma tinqala` l-problema, snin wara, kif fil-fatt gara.*

*Anke minn analizi tad-diversi disposizzjonijiet tal-Kap.386 inkluzi dawk diga` citati, wiehed isib li hemm artikoli fejn il-ligi stess introduciet flessibilita` u tat lill-Qrati diskrezzjoni wiesgha sabiex tiddeciedi, bhal fil-kaz tal-Art.402 fejn l-ekwita` aktar milli r-rigidita` tal-ligi trid li jkun assikurat id-dritt tal-azzjonista specjalment dak ta` minoranza, fl-istess waqt hemm ohrajn relatati mad-dmirijiet tad-diretturi, iz-zamma u l-approvazzjoni tal-kontijiet, ir-rwol tal-awdituri, il-funzjoni tal-laqgha generali u ohrajn fejn id-disposizzjonijiet huma dettaljati u rigidi u fejn inadempjenza twassal ghal pieni vis-a- vis ir-Registratur tal-Kumpanniji.*

*Ir-rwol ta` din il-Qorti mhuwiex li toffri soluzzjoni kif donnu qieghed jippretendi r-rikorrent, anke jekk din ma tkunx konformi ma` dak li talab, izda li tghid jekk bil-provi akkwiziti jirrizultawx fondati t-talbiet tar-rikorrent ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u cioe` l-Art.402 tal-Kap.386, fuq liema disposizzjoni qieghed jistrieh sabiex isostni t-talbiet tieghu.*

*Kollox meqjus din il-Qorti tghid li dan tal-lum mhux kaz fejn hi ghandha tintervjeni ghaliex ma rrizultax li l-kumpannija jew l-azzjonista ta` maggoranza (li fiz-zmien in kwistjoni kienet debitament rapprezentata fil-bord tad-diretturi) ikkommettiet abbuz, kif intiz ghall-fini tal-Art.402, kif lamentat mir-rikorrent a skapitu tal-istess rikorrent, li kien minn dejjem azzjonista ta` minoranza izda wkoll direttur. Lanqas fuq bazi ragonevoli ta` probabilita`, ma*

*huwa dan kaz fejn tirrizulta prova ta` agir oppressiv, ngustament diskriminatorju u/jew ngustament pregudizzjevoli fil-konfront tar-rikorrent u fejn allura ghandha tkun din il-Qorti li taghti rimedju."*

Fil-fehma ta` l-Qorti, il-multi gew inkorsi minhabba l-mod kemmxejn informali li bih kienet titmexxa s-socjeta`. Stante r-relazzjoni ta` kunfidenza u parentela ta` bejn Vassallo u Parlato Trigona, kien hemm informalita` kbira dwar kif titmexxa s-socjeta` u l-interessi taghha u ghalhekk il-preparazzjoni tal-accounts setghet kienet tipperdura ghal zmien itwal milli kieku kien hemm persuna apposta li kienet tahdem fuqhom biss. Perit Vassallo kien ilu jaf b`dawn il-kwistjonijiet hekk kif jirrizulta mid-dokumenti annessi a fol 195 et seq, izda ma hax passi hlief snin wara, x`hin kien evidenti d-dizgwid bejn l-azzjonisti.

Jinghad ukoll li fil-fehma tal-Qorti ma ngabitx prova sodisfacenti li d-dewmien kien biss isehh minhabba l-agir ta` Parlato Trigona. Kif huwa ben maghruf, il-financial statements iridu jigu ezaminati mill-awdituri, u wara jghaddu ghall-approvazzjoni u firem tad-diretturi, qabel ma jmorru ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji. Mill-provi prodotti, ma tressqux provi tajbin bizzejjed sabiex jikkonvincu lill-Qorti li d-demien kien imputabbli esklussivament ghal Parlato Trigona kif qed jallega Perit Vassallo. Ghall-kuntrarju, jirrizultaw provi li kien hemm okkazjonijiet fejn kien l-istess rikorrent li jkun dam ma iffirma dawn l-accounts, kif ukoll li kien hemm okkazjonijiet fejn id-dewmien kien isehh peress li d-dokumenti kienu jdumu ghand l-awdituri.

Fl-isfond ta` dan kollu, din il-Qorti ma tarax li tista` tqis bhala fondata u ppruvata kif trid il-ligi l-allegazzjoni tar-rikorrenti.

**e) <u>Il-bidla proposta minn *limited liability company* ghal socjeta` *en nom collectif*</u>**

Ir-rikorrent jilmenta s-socjeta` kellha minn kumpannija ssir *partnership en nom collectif* wara li allegatament kienet ittiehdet decizjoni f`dak is-sens.

Min-naha tieghu Parlato Trigona jinsisti li ghalkemm kien hemm diskussjoni l-kwistjoni qatt ma kienet deciza.

Din il-Qorti tinsab rinfaccata b`zewg verzjonijiet konfliggenti. Ma tressaq had – kien min kien – li seta` ta parir sabiex il-kumpannija ssir socjeta` *en nom collectif.*

Li tressaq mir-rikorrent kien notament li allegatament inkiteb minnu stess f`Novembru 2008 waqt li l-laqgha fejn allegatament ittiehdet dik id-decizjoni flimkien ma` affidavit li sar zmien wara, fejn Perit Vassallo ha gurament li dawk in-notamenti kienu jirriflettu dak li kien gie miftiehem ossija li l-kumpannija ssir *partnership en nom collectif* (fol 119 et seq).

Din il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-prova tar-rikorrent meqjus il-fatt illi meta allegatament ittiehdet id-decizjoni kien diga` beda jberraq. Ghalhekk il-Qorti ma tarax li f`dak ix-xenarju ta` dizgwid Parlato Trigona kien ser jaccetta u jiddeciedi favur il-proposta tal-Perit Vassallo. Del resto fi *partnership en nom collectif* ma kienx se jkun hemm l-istrettezza li tesigi kumpannija, fattur li ma kienx jipprospetta tajjeb fic-cirkostanzi ta` dak iz-zmien.

Ghal din il-Qorti mhuwiex fomndat l-ilment tar-rikorrent illi bil-fatt li ma sarx il-*partnership en nom collectif* allura dak ifisser li sehh dak li jipprovdi l-Art 402(1).

Lanqas ghalhekk ma tara li ghandha tinghata xi ordni fis-sens li din is-socjeta` tigi ordnata li tigi konvertita f` *partnership en nom collectif* u li jigu likwidati spejjez li gew sofferti minn Parade Limited minhabba li ma saritx tali konverzjoni.

Il-Qorti tqis infondati ghax mhux ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi l-ilmenti tar-rikorrenti fil-kwasdru tal-Art 402(1).

Ghalhekk ghax ma jissussistix dak li jipprovdi l-Art 402(1) fil-kuntest tal-provi akkwisti, mhux lok li taghti r-rimedji kontemplati fl-Art 402(3).

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimati Anthony u Ingrid konjugi Parlato Trigona.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-intimata Parade Limited.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**